# Ramiro Raffaele Calì

*Kitba ta' Davida Flores B.A. Art Hons.*



L-isem tal-pittur Malti Ramiro Raffaele Calì jidher wisq drabi mehmuż ma' dak ta' missieru l-pittur Giuseppe Calì (1846-1930). Lejn l-aħħar tas-seklu dsatax u l-bidu tas-seklu 20 Giuseppe Calì, flimkien ma' artisti oħra bħal Lazzaro Pisani (1854-1932) kien għamel isem fil-qasam tal-pittura f'Malta. Dan ma kienx jinkludi biss xogħlijiet għall-knejjes, iżda wkoll bosta xogħlijiet għall-kollezzjonijiet privati.

Il-karriera ta' Ramiro Calì mxiet xi ftit jew wisq fuq l-istess passi ta' missieru. Tul ħajtu dan il-pittur ħadem għal bosta knejjes madwar Malta u Għawdex, kien jgħallem l-arti f'ħafna skejjel u kienu ħafna l-kollezzjonisti li qabbduh jagħmel xi xogħol għalihom. Madankollu t-talent tiegħu qatt ma laħaq lil dak ta' Giuseppe Calì. Għalkemm Ramiro Calì dejjem kien influwenzat minn missieru, ix-xogħlijiet tiegħu qatt ma laħqu l-kwalità għolja ta' dawk ta' Giuseppe Calì.

## Ħajtu

Ramiro Calì twieled fl-1881[1], u kien it-tielet wild minn tmint itfal ta' Giuseppe Calì u Perigna Pace. Fid-dar ta' Giuseppe Calì kulħadd kien iħobb l-arti u Ramiro Calì beda jitħarreġ fil-pittura ma' missieru. Fost l-istudenti jitħarrġu ma' Giuseppe Calì kien hemm ukoll Edward Caruana Dingli (1876-1950) u ħuh Robert (1882-1940). Dawn iż-żewġ artisti kien se jkollhom karriera twila fl-istorja ta' l-Iskola ta' l-Arti tal-Gvern, iżda jidher li l-karriera ta' Ramiro Calì ħadet triq oħra. Meta għalaq l-għoxrin sena Ramiro Calì rebaħ borża ta' studju għal Ruma[2] u hemmhekk sab ruħu taħt id-direzzjoni ta' Domenico Bruschi, Francesco Jacovacci u Giulio

*ikompli f'paġna 27*



Cantalamessa[3]. Hekk kif ġie lura beda jgħallem f'bosta skejjel fil-gżejjer Maltin sakemm fl-aħħar sar l-għalliem tal-pittura fil-*Malta Art Amateur Association*. Kien sewwasew mal-wasla lura tiegħu li beda jirċievi xogħlijiet għall-knejjes u xi drabi ħadem id f'id ma' missieru jew lesta xi xogħol li missieru ħalla mhux komplut ma' mewtu fl-1930.[4]

Kienu ħafna l-Knejjes madwar Malta u Għawdex li fdaw xogħlijiet kbar u importanti f'idejn dan il-pittur. Jista' jkun li dan seħħ minħabba li l-isem Calì kien sar favorit ma' ħafna wara r-reputazzjoni ta' missieru Giuseppe. Iżda mhux tajjeb li Ramiro Calì ma jingħatax l-għarfien li jistħoqqlu, speċjalment meta tqis li xi xogħlijiet jixhdu t-trawwim akkademiku li ħa fl-arti. Għalkemm qatt ma wera li kellu xeħta tajba għall-invenzjoni, xorta seta' jagħmel xogħlijiet ta' kwalità tajba.

Barra minn hekk Ramiro Calì jidher li ta s-sehem tiegħu biex tiġi pperfezzjonata t-teknika tat-tila mwaħħla fuq is-soqfa fit-tiżjin artistiku tal-knejjes. Din tissejjaħ it-teknika ta' l-*encausto* li bdiet tintuża b'mod aktar regolari wara li pperfezzjonaha dan l-artist.[5] Din użaha għall-ewwel darba fil-Knisja ta' San Gejtanu l-Ħamrun fl-1919[6].

Minbarra fil-Knejjes Maltin, Ramiro Calì ħadem ukoll għal bosta kollezzjonisti b'xogħlijiet li juru ritratti, xeni u pitturi żgħar ta' devozzjoni. Il-karriera ta' Ramiro Calì ntemmet meta l-artist marad u safa paralizzat. L-aħħar xogħlijiet tiegħu baqgħu dejjem imajnaw fil-kwalità artistika.

Filwaqt li kien jgħallem fil-*Malta Art Amateur Association*, Ramiro Calì ltaqa' ma' Maria Corleo





li saret martu u flimkien magħha waqqaf familja b'sebat itfal. Bħala għalliem, Ramiro Calì jidher li kien jagħti ħafna attenzjoni u kien dejjem jgħid lill-istudenti biex "jesprimu l-oġġetti li qed ipinġu skond dak li jħossu meta jħarsu lejhom".[7]

## Ix-xogħol fil-Gudja

Fil-Knisja tal-Gudja Ramiro Calì pitter l-*Erba' Evanġelisti* fil-lunetti ta' taħt il-koppla.[8] L-Evanġelisti jidhru bilqiegħda fuq għamliet tas-sħab lesti biex jirċievu l-ispirazzjoni divina għall-kitba tagħhom. Il-figuri jixbhu ħafna lit-tip ta' figuri li naraw fl-*Erba' Profeti* ta' Giuseppe Calì fil-Knisja ta' Ħal Lija.[9] Dan jidher l-iktar fil-bixra ta' wiċċ *San Ġwann* meta mqabbla ma' dik tal-*Profeta Daniel* impitter mill-missier f'Ħal Lija.

Il-figuri kbar u tqal jimlew l-ispazju kollu tal-kompożizzjoni, speċjalment permezz ta' l-użu ta' drappeġġ folt. L-istil ta' drappeġġ li Ramiro Calì uża fil-Gudja huwa tassew tipiku ta' dan l-artist u jidher sikwit fix-xogħlijiet tiegħu. Jista' jkun li l-iktar figura interessanti minn dawn l-erbgħa huwa *San Mattew*. L-Evanġelist jinsab bilqiegħda fuq is-sħab, iħares 'il fuq b'anġlu ma' ġenbu li jidher qed iħares dritt lejn l-ispettatur. Calì bħal donnu jħalli żiffa ħafifa għaddejja fil-kompożizzjoni tiegħu u din tagħti bixra iktar qaddisa lill-Evanġelist. Id-drappeġġ ta' *San Mattew*, folt iżda kemmxejn mitluq, jagħti lok għal tiżjin fil-kompożizzjoni.

Ix-xogħol li Ramiro Calì għamel fil-Gudja ġej minn żmien meta l-pittur kien diġà ħadem sew

f'Malta u Għawdex u għaldaqstant kien diġà bena isem għalih innifsu. Ix-xogħlijiet jixhdu stil akkademiku li żgur kien aċċettat u apprezzat dak iż-żmien. Madankollu jidher li hemm nuqqas ta' invenzjoni fil-mod kif l-artist ħares lejn is-suġġett, xi ħaġa li bdiet tidher fil-karriera artistika tiegħu sewwasew fl-istess żmien li beda l-Evanġelisti fil-Gudja.

### Konklużjoni

Fis-snin għoxrin il-livell ta' l-artist Ramiro Calì beda jmur lura sakemm naqas qatigħ lejn l-aħħar tas-snin tletin. Jista' jkun li dan seħħ minħabba l-mewt ta' missieru Giuseppe Calì, li seta' għen u anke medd idejh fix-xogħlijiet ta' ibnu.[10] Dan l-artist jidher li żamm 'il bogħod mill-ideat moderni li bdew jidhru fl-arti Maltija fil-bidu tas-seklu għoxrin. Għaldaqstant huwa ma setax iħalli r-reputazzjoni li ħallew kontemporanji tiegħu bħall-aħwa Caruana Dingli li kienu sabu ambjent ġdid u komdu fix-xena artistika Maltija. Għalkemm Ramiro Calì kellu talent artistiku, ma jidhirx li sfruttah fl-aħjar mod possibli tul is-snin.

[1]F'xi pubblikazzjonijiet is-sena tat-twelid ta' Ramiro Calì tidher imniżżla bħala 1882. Madankollu ċ-ċertifikat tat-twelid li l-pittur stess ippreżenta lir-*Regia Accademia di Belle Arti* ta' Ruma fl-1901 juri d-data tas-7 ta' Settembru 1881. Din id-data tidher ukoll fil-kitba ta' Rafel Bonniċi Calì *Artisti li Niftakar (1)*, Leħen is-Sewwa, Malta 1982, p.5

[2]Ara R. Bonniċi Calì, *op.cit.* p.5

[3]*Ibid.*.

[4]Dan seħħ meta Ramiro Calì lesta x-xogħol tal-kupletti fil-Knisja ta' Porto Salvo fil-Belt Valletta bejn l-1931 u l-1932. Ix-xogħol kien bdieh Giuseppe Calì fl-1898. Ara *Il Risorgimento* ta' l-4 ta' Jannar 1898.

[5]Ara R. Bonniċi Calì, *op. cit.* Dan it-tagħrif ingħata wkoll b'komunikazzjoni verbali minn Rafel Bonnici Calì stess f'intervista li saret waqt iż-żmien tar-riċerka (2001-2002)

[6]Fil-kitba ta' Rafel Bonniċi Calì, *Artisti li Niftakar*, Leħen is-Sewwa, 1982, jidher li dan ix-xogħol sar fl-1905, madankollu dokument fil-Kurja ta' l-Arċisqof fis-*Supplichi* Vol. I 74/1919 jidher li x-xogħol ingħata lill-artist fl-1919.

[7]Tagħrif mogħti f'komunikazzjoni verbali ma' Alfred Zammit (student ta' Ramiro Calì għal madwar sena u nofs).

[8]Skond komunikazzjoni verbali ma' Mario Gatt, jingħad li Ramiro Calì tħallas £10 għal kull pittura, u dawn il-flus kienu nġabru mill-parruċċani tal-Gudja stess. Madankollu fl-arkivji tal-parroċċa tal-Gudja ma nstab xejn waqt iż-żmien tar-riċerka, li jagħti sisien għal dan l-għajdut.

[9]Ara Emanuel Fiorentino, Louis. A Grasso, *Giuseppe Calì 1846-1930*, Malta 1991, p.46

[10]Skond Rafel Bonniċi Calì f'komunikazzjoni verbali huwa diffiċli li ngħidu li Giuseppe Calì kien imiss ix-xogħlijiet ta' ibnu Ramiro. Iżda Bonnici (li kien student u kuġin ta' Ramiro Calì) jikkonferma kemm l-iben safa influwenzat mill-missier. L-ulied ħajjin ta' Ramiro Calì, Bianca Cheeswright u Nello Calì Corleo ma jiftakrux iżda ma jistgħux ikunu ċerti jekk dan kienx iseħħ. Dan kollu ntqal f'komunikazzjoni verbali waqt iż-żmien tar-riċerka.

